**FIL-QORTI ĊIVILI**
**PRIM AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 11 ta' Lulju, 2023**

**Rikors Numru : 581/2023 ISB**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar il-fuq minn ghaxar metri (Kawtelatorju) Nru 870/23 mahrug fl-ismijiet:**

**NASSAU MARITIME HOLDING DAC, socjeta' registrata gewwa l-Irlanda, kif lokalment rapprezentata mill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino (ID. 441061M)**

**Vs**

**Il-Bastiment M/V "DOMINIA" (IMO: 9376854)**

**DAN HUWA DIGRIET MOGHTI FIL-MIFTUH GHAR-RIKORS TA' TAL-KAPTAN ANTONIO CILIDONIO (DETENTUR TAL-PASSAPORT TALJAN BIN-NUMRU YB3703839) (KOPJA TAL-PASSAPORT QED TIGI HAWN ANNESSA U MMARKATA BHALA DOKUMENT 'A') LI QED JIDHER BĦALA MANDATARJU SPEĊJALI TAL-BASTIMENT M/V DOMINIA U TAS-SIDIEN TIEGHU MORFINI SPA, SOCJETA' REGISTRATA GEWWA L-ITALJA, MAGHMUL AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 836(1) TAL-KAP 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA.**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-Rikors** tat-8 ta' Gunju 2023 pprezentat ai termini tal-Artiklu 836(1) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta mil-Kaptan Antonio Cilidonio (detentur tal-Passaport Taljan bin-numru YB3703839) (Kopja tal-Passaport qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument 'A') li qed jidher bħala mandatarju speċjali tal-bastiment M/V DOMINIA u tas-sidien tieghu Morfini SpA, socjeta' registrata gewwa l-Italja, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet premessi fl-istess rikors talbet illi din il-Qorti joghgobha:

1. *Tissospendi urgentement l-effetti kollha tal-Mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar 'il fuq minn għaxar metri (Kawtelatorju) Nru. 870/23 fl-ismijiet fuq premessi sakemm isir is-smiegħ ta' dan ir-rikors;*

2. *Tiddikjara li l-att kawtelatorju bin-numru 870/23 m'għadux iktar fis-seħħ ai termini tal-Artiklu 836(1)(a) tal-Kapitlu 12;*

3. *Tiddikjara li l-mandat t'arrest kawtelatorju bin-numru 870/23 jew parti minnu, mhux raġonevoli li jinżamm fis-seħħ jew li dan il-mandat jew parti minnu mhux aktar meħtieg jew ġustifikabbli, u dan ai termini tal-Artiklu 836(1)(f) tal-Kapitlu 12;*

4. *Tirrevoka konsegwentement l-mandat t'arrest kawtelatorju bin-numru 870/23 in toto jew in parti u dana taħt dawk il-kundizzjonijiet li tqis xierqa;*

5. *F'każ li ma jintlaqgħux talbiet (1) sa (4), tordna lis-socjeta' attriċi sabiex tagħti, f'terminu li għandu jigu stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali u ta' danni u imgħax u, fin-nuqqas li tneħħi l-mandat t'arrest odjern, u dan ai termini tal-Artiklu 838A tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

   *U dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jogħgobha xieraq li timponi.*

Rat **ir-Risposta** mressqa fis-16 ta' Gunju 2023 minn Nassau Maritime Holdings DAC ("Nassau Maritime");

Rat l-atti ta' din il-procedura;

Rat l-atti tal-Mandat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar kawtelatorju numru **870/2023** li gew allegati mal-process de quo b'digriet tas-26 ta' Gunju 2023;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Gunju 2023, ir-Rikors thalla ghall-llum ghall-ghoti ta' digriet fil-miftuh kif in effetti qed jinghata illum.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija procedura mehuda ai termini tal-Artikolu 836(1) tal-KAP 12, u dan wara illi l-Kaptan rikorrenti gie notifikat b'Mandat Kawtelatorju ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar bin-numru 870/2023.

Illi r-rikors gie ntavolat fit-8 ta' Gunju 2023, ossia fi zmien meta il-Mandat kien kawtelatorju fin-natura tieghu. Fis-26 ta' Gunju 2023, wara li kienet giet pprezentata ir-risposta tas-socjeta` Nassau, il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, u halliet ir-rikors ghall-ghoti tal-provvediment ghall-llum.

Illi b'digriet tas-26 ta' Gunju 2023 u fuq talba tal-partijiet, il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-process relattiv ghall-Mandat ta' Arrest de quo.

Illi fil-mori, u precizament fil-15 ta' Gunju 2023, is-socjeta' Nassau, permezz ta' nota u ai termini tal-Artikolu 838(B) tal-KAP 12, rrendiet il-Mandat ta' Arrest, sa dak il-hin kien kawtelatorju, f'wiehed ezekuttiv, u wara illi saret il-Kollazzjoni, il-Mandat gie meqjus illi ma ghadux aktar kunsidrat wiehed kawtelatorju, imma bis-sahha tal-ligi kkwotata, sar ezekuttiv. **Dan gie a konjizzjoni tal-Qorti fil-5 ta' Lulju 2023**.

Illi dan kien ifisser illi minhabba d-dewmien biex ir-rikors ta' Nassau Maritime Holding DAC jigi processat mir-Registru tal-Qrati taghna (intavolat fil-15 ta' Gunju 2023 u mwassal ghand il-gudikant fil-5 ta' Lulju 2023, fejn anke saret is-seduta biex jigi trattat fil-fratempt) - precizament ghoxrin jum wara – zviluppaw cirkostanzi legali u fattwali illi affettwaw ghal kollox il-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi dan imur biex ifisser illi l-Qorti tqis illi filwaqt illi huwa minnhu illi r-rikors ai termini tal-Artikolu 836(1) gie pprezentat sakemm il-Mandat kien ghadu kawtelatorju, b'dana kollu, fil-mori, u jinghad anke ferm qabel is-seduta mizmuma, kien gja dahal ir-rikors biex bis-sahha tal-ligi, il-Mandat isir wiehed ezekuttiv. U gja la darba il-Qorti kienet sprovvista mill-atti relattivi, proprju minhabba d-dewmien fl-ipprocessar tal-atti fir-Registru, il-Qorti semghet trattazzjoni estensiva tal-partijiet u halliet ir-rikors ghal digriet dwar jekk ir-rikors ghandhux jintlaqa' jew le ai termini tar-ragunijiet li l-ligi taghti biex jigi revokat *in toto* jew *in parte* mandat kawelatorju, meta in effetti, il-Mandat ma kienx baqa' wiehed kawtelatorju imma kien ha sura ezekuttiva bil-proceduri idoneji mehuda.

Issa l-Qorti tirreferi ghal dak li ighid l-Artikolu 836(1) tal-KAP 12, precizement illi dak li trid tiddeciedi il-Qorti huwa jekk "**l-att kawtelatorju**" jiġix revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, ghar-ragunijiet li jkunu moghtija fir-rikors u li jkunu jinkwadraw f'dak li tippermetti l-ligi.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi jkun superfluwu illi tiddikjara ruha fuq it-talbiet tar-rikorrenti fil-kuntest tal-Artikolu 836(1) tal-KAP 12 u fil-kuntest ghalhekk ta' Mandat kawtelatorju, meta illum ma ghadx hemm ebda Mandat kawtelatorju vigenti, imma hemm Mandat ezekuttiv kif trid il-ligi.

Dan qed jinghad ghaliex l-Artikolu 838(b) tal-KAP 12 ighid car illi Mandat kawtelatorju isir ezekuttiv (bis-sahha tal-ligi) jekk jkunu sodisfatti certi kriterji, kif jidher illi kienu fil-kaz odjern.

Ghaldaqstant, filwaqt illi jibqghu impregudikati drittijiet ohra illi l-vapur jista' jkollu bil-ligi, il-Qorti ma ghandiex alternattiva ghajr illi tastjeni illi tippronunzja ruha dwar it-talbiet hawnekk mressqa in kwantu illi gew rezi superfluwi meta il-Mandat de quo sar ezekuttiv u t-talbiet ghar-revoka maghmula ai termini tal-Artikolu 836 saru superfluwi u inutili.

Illi dan huwa kaz tipiku iehor li jikxef il-problemi kbar illi l-amministrazzjoni tal-Qrati taghna miexja biha, gja sollevati f'sentenzi ohra ta' Qrati ohra u diversament preseduta fil-passat ricenti. Problemi illi qeghdin jimpattaw ukoll fuq l-andament tal-proceduri legali. Huma hafna l-okkazjonijiet, per ezempju, illi ngiebu a konjizzjoni tal-Qorti, Mandati ta' Sekwestri li jkunu ilhom pprezentati l-fuq minn gimghatejn, fejn is-sekwestranti jkunu min ghalihom illi huma kawtelati u fil-fatt ma jkunux ghaliex ma jkunx hekk digrieti.

F'cirkostanzi bhal dawn odjerni, aktar u aktar meta kulhadd iqis is-settur Marittimu bhala settur importanti ghal pajjizna u fejn anke l-amministrazzjoni tal-Gustizzja ghandha tkun efficjenti u effikaci biex isem pajjizna u l-bandiera taghha jibqa' dejjem merfugha l-fuq, b'dana kollu, in-nuqqasijiet fis-sistema amministrattiva tal-gustizzja f'pajjizna qed twassal ghal akkaduti bhal dan odjern. **Mhux accettabbli illi att giudizzjarju jdum 20 jum biex jigi pprocessat, aktar u aktar f'qasam sensittiv u importanti bhal ma huwa dak marittimu.**

Dan aktarx qed jigri peress illi hemm nuqqas kbir ta' haddiema, nuqqas kbir ta' persuni kwalifikati u idoneji biex jipprocessaw l-atti b'espidjenza u b'ghaqal biex jitwasslu fejn ghandhom jitwasslu minghajr dewmien.

Dan aktarx qed jigri ukoll peress illi l-amministrazzjoni tal-Qorti qed tinqeda b'Registru wiehed, fejn l-atti kollha tal-gurnata, huma ta' liema Qorti huma (salv ghal xi eccezzjonijiet), jkunu pprezentati f'Registru wiehed. Li jfisser illi filwaqt illi kull att ghandu jinghata l-mertu u l-importanza tieghu, huwa difficli illi jkun hemm *filtering* ta' atti li jistghu jkunu importanti tant illi jkunu jinhtiegu attenzjoni u pprocessar ta' malajr.

Il-Qorti thoss illi ghandha tesprimi ruha tant illi tghid illi wiehed tassew ghandu jiehu l-problema tan-nuqqas ta' *staff* u problemi ohra fl-amministrazzjoni tar-Registru tal-Qorti bis-serjeta' u jfittex minghajr aktar dewmien illi jsolvi dawn il-problemi b'mod prattiku u reali. Problemi illi sfortunatament mhux biss jikkrejaw

intoppi fl-ahjar amministrazzjoni tal-proceduri legali, imma jikkrejaw ukoll disservizz lill-pubbliku li jirrikorri ghall-azzjoni giudizzjarja.

Avukat li jkun ghamel xogholu, bhal fil-kaz odjern, jkollu jew ma jkollux ragun il-klijent tieghu, jispicca biex ghal ragunijiet li ma jkollux kontroll fuqhom, jkollu jaffaccja decizjonijiet bhal dawn b'mod inaspettat. La huwa giust mal-klijent tal-Avukat u lanqas mal-istess Avukat.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tesprimi ukoll il-hsieb taghha illi Qorti specijalizzata (fuq l-istess mudell tal-Qorti tal-Familja), bhal ma hija il-Qorti li tippresjedi fuq kawzi u proceduri fis-settur marittimu, proprjeta' intelletwali u l-Qorti tal-Kummerc, ghandu serjament ikun ikkunsidrat illi jkollha r-Registru taghha moghnija bi staff adegwat u adegwatament ppreparat u kwalifikat.

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tastjeni milli tipprovdi dwar it-talbiet maghmula ai termini tal-Artikolu 836(1) tal-KAP 12.

Peress illi r-rikors kien pprezentat fil-mument li l-Mandat kien ghadu meqjus kawtelatorju u indipendentament minn jekk ir-Rikorrenti kellux ragun jew le, ukoll illi c-cirkostanzi li wasslu ghal din l-astensjoni tal-Qorti zviluppaw biss fil-mori, ghaldaqstant, il-Qorti thoss illi kull parti ghandha thallas l-ispejjes taghha ta' din l-istanza.

Il-Qorti qed tordna lir-Registratur tal-Qorti jikkomunika dan id-Digriet lis-CEO tal-Agenzija tal-Qrati, lill-Ministru responsabbli mill-Gustizzja, lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u lill-Kamra tal-Avukati.

**Digriet moghti fil-miftuh, illum, t-Tlieta, 11 ta' Lulju 2023.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**

Vera kopja ta' l-Oriġinal

Marisa Bugeja
Deputat Reġistratur